# BEATI U QADDISIN...MEJJU

Beato Giovanni Martino Moye  - 4 ta' Mejju

Twieled gewwa Cutting f'Lorenz, u kien is-seba' wild ta' Jean Moye u Catherine Demange.  Huh il-kbir seminarista,  ghallmu l-ewwel sisien tal-Latin u imbaghad kompla l-istudji tieghu fil-kulegg ta' Pont-a-Mousson. Fi Strasburgu huwa kompla l-istudji tieghu tal-filosofija ghand il-Gizwiti u fis-seminarju gewwa Metz fis-sena 1751.



Kien ordnat sacerdot fid-9 ta' Marzu 1754. Kellu zelu kbir appostoliku biex jghallem lill-fidili li kienu jghixu fil-kampanja. Huwa waqqaf kongregazzjoni tas-Sorijiet tal-Providenza Divina fis-sena 1767 minkejja li kellu jhabbat wiccu ma' l-opposizzjoni tas-superjuri tieghu.

Kien ta' qsim il-qalb ghalih  meta huwa kien jara kemm trabi kienu jmutu minghajr maghmudija. Kiteb ghalhekk ktejjeb zghir biex iqanqal kuxjenza dwar in-negligenza fost dawk li jassistu fit-twelid tat-trabi u l-kappillani.  Minhabba f'hekk ghamel hafna ghedewwa.  Biex iwitti l-inkwiet li nqala' l-isqof bieghdu minn direttur spiritwali tas-Seminarju u hatru vigarju ta' Dieuze.  Flok kien skoraggut, il-beatu ra okazzjoni biex iwaqqaf aktar skejjel u istituti biex ikunu ta' gid ghan-nies ta' l-irhula.

Kellu fih spirtu kbir missjunarju u fis-sena 1769 huwa dahal fis-seminarju tal-missjoni estera gewwa Parigi biex jipprepara ruhu halli jmur fic-Cina. Fis-sena 1773 huwa wasal f'dan il-pajjiz kbir u vast fejn waqqaf istitut ghan-nies morda.  Kienet success kbir, tant li missjonijiet ohra bdew jghiru ghalih u holqulu bosta problemi.

Huwa irritora Franza fis-sena 1784 ghajjien u marid.  Il-vjagg tar-ritorn dam kwazi sena u matulu kiteb rapport ta' l-esperjenza tieghu fic-Cina. Go pajjizu ma laqghux tajjeb u tawh permess li jmur f'rahal twelidu biex jipprideka. Hemm huwa kien

jigbor fondi ghall-missjoni fic-Cina u jahdem biex joktru l-vokazzjoniiet religjuzi tas-sorijiet tal-Providenza Divina. Wara ftit xhur tal-wasla tieghu mic-Cina, il-Kongregazzjoni tal-Fidi approvat l-opri li hu waqqaf fic-Cina partikolarment l-istitut tal-Vergni Nsara li kienu jghinuh hafna fl-isptar li hu waqqaf ghall-morda fqar.

Matul ir-rivoluzzjoni franciza s-sacerdoti kellhom jiehdu gurament favur il-kostituzzjoni civili tal-kleru, imma huwa heggeg lill shabu sacerdoti biex jirresistu. Minhabba f'hekk safa' eziljat gewwa l-Germanja bis-sorijiet u n-novizzi kollha. Huwa ghadda l-ahhar zmien ta' hajtu jipprepara ruhu biex jaghmel mewta tajba flimkien ma' opri ta' ghajnuna lill-fqar u morda fl-isptar. Huwa miet fil-4 ta' Mejju 1793.